# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 10 ta' Ottubru 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**vs**
**Rose Borg**
**Pierre Zammit**

**Kumpilazzjoni Nru: 671/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra:

**Rose Borg** detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 182372(M); u

**Pierre Zammit** detentur tal-Karta ta' l-Identita' Maltija numru 470072(M).

Akkuzati talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

1. Talli matul is-sena 2011 taw xhieda falza f'materja civili u ghamlu affidavit falz meta kienu jafu illi dak l-affidavit kien mehtieg u mahsub ghal proceduri civili f'Malta;
2. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi halfu falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficcjal iehor li kellu setgha b'ligi li jaghti gurament.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat id-degriet taghha tal-11 ta' April 2016 permezz ta' liema, mid-dokument Dok TT1[1] esebiet in atti accettat bhala prova ammissibbli fil-proceduri odjerni: 1) d-depozizjonijiet ta'l-imputati u l-affidavits li setaw prezentaw, u dawn bhala prova ta' dak li qalu l-istess imputati meta kienu qed jiddeponu u meta jaghmlu l-affidavits; u 2) id-depozizjonijiet tal-kwerelant Carmelo Borg, u dawn ai fini ta' kontroll.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda allegazzjoni ta' certu Carmelo Borg li l-imputati xehdu falz f'proceduri li kienu pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali.

Illi l-kwadru generali tal-fatti fil-kaz odjern jirrizulta ampjament u ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwaru. Carmelo Borg kien impjegat mas-socjeta Dragonara Gaming Limited; f'xi zmien, ghar-ragunijiet taghha, din is-socjeta tterminat l-impjieg ta' Borg. Borg hass ruhu aggravat u beda proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali dwar tkeccija ingusta. F'dawk il-proceduri xehedu z-zewg imputati; Rose Borg kienet anke prezentat affidavit. Naturalment l-imputati ma kienux l-unici persuni li xehdu f'dawk il-proceduri, u l-affidavit ta' Rose Borg ma kenitx l-unika dokument esebiet f'dawk il-proceduri. Wara li l-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali

---

[1] Il-process originali tal-kawza li kienet pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali f'l-ismijet Carmelo sive Charles Borg vs Dragonara Gaming Limited; kawza li giet deciza f'l-4 ta' Dicembru 2013.

hadu l-kors taghhom nghatat sentenza f'l-4 ta' Dicembru 2013 permezz ta' liema t-Tribunal sab li t-tkeccija ta' Carmelo Borg kienet ingusta u s-socjeta Dragonara Gaming Limited giet ordnata thallsu kumpens. Din is-sentenza ma gietx appellata u Dragonara Gaming Limited hallset lil Borg l-ammont ordnat mit-Tribunal Industrijali.

Illi l-istorja ma waqfietx hemm pero ghaliex Carnelo Borg (fi kliemu stess) hass ruhu aggravat bil-mod kif xehedu l-imputati li(dejjem skond l-istess Borg) ikkontradixxew lilhom infushom diversi drabi, ma qalux il-verita f'hafna istanzi, u kien hemm xhieda ohra u dokumenti li jikkontradicu dak li qalu l-imputati[2]. Ghalhekk fit-8 ta' Jannar 2014 Borg baghat kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta' liema talbhu jinvestiga kaz "*ta' xhieda mghotija taht gurament falz*" da parti ta'l-imputati[3]. Il-pulizija investigat dan il-kaz billi hadet il-verzjonijiet tal-kwerelant u l-imputati u procediet b'l-imputazzjonijiet odjerni.

Illi fil-fatt l-imputati qed jigi akkuzati b'spergur f'proceduri civili (reat prospettat f'l-artikolu 106 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta); u b'gurament falz (reat prospettat f'l-artikolu 108 tal-Kapitolu 9).

Illi huwa ben stabbilit li r-reat prospettat f'l-artikolu 106 huwa dak maghruf bhala *judical perjury*[4] jew *false testimony* u r-reat prospettat f'l-artikolu 108 huwa dak maghruf bhala *extra-juducial perjury* jew *false swearing*. Id-differenza bejn dawn iz-zewg reati hija spjegata mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali hekk:

> *min jixhed falz waqt kawza .... ma jitqiesx mil-ligi li dak l-agir tieghu jikkostitwixxi biss 'gurament falz', sic et simpliciter, izda jikkostitwixxi 'spergur', cioe', falza testimonjanza; mentre min jiehu gurament falz f'dawk l-okkazzjonijiet l-ohra li mhumiex waqt kawza ...., hemm ikun qed jiehu gurament falz, izda ma jkunx qed jikkommetti d-delitt aktar serju ta' spergur...*[5]

---

[2] Ref depozizzjoni a fol 58 tal-process.
[3] Ref kwerela a fol 24 tal-process.
[4] Jew *legal perjury*.
[5] Ref Pulizija vs Marzouki Hachemi Beya Bent Adbellatif deciza 22.10.2001. Jigi rilevat li din is-sentenza l-Qorti kienet qed tikkunsidra r-reati ta' spergur kontemplati f'l-artikoli 104 u 105 tal-Kapitolu 9 u cioe spergur f'proceduri kriminali. Dawn ir-reati huma identici, in kwantu spergur, ghal dak kontemplat f'l-artikolu 106 li jitratta spergur fi proceduri civili.

Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' spergur (*judicial perjury*) kontemplat f'l-artikolu 106 ghamlet ezami approfondit il-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Ruth Mary Baldacchino[6]

> *Illi l-azzjoni penali ghar-reat ta'l-ispergur a tenur ta'l-artikolu 106 tal-Kodici Kriminali u cioe' r-reat hekk ismejjah judicial jew legal perjury, jipotizza t-tehid ta' gurament falz fil-kors ta' kawza pendenti quddiem Qorti. Illi l-artikolu 106 jitkellem dwar l-ispergur fil-kawzi civili li jipotizza tlett istanzi ta' spergur fi proceduri civili u cioe' l-ispergur mix-xhud, l-ispergur minn persuna li hija parti fil-kawza civili u l-affidavit falz.*
>
> *Dana ir-reat ilu jezisti fil-ligi sa mill-promulgazzjoni tal-kodici penali taghna u cioe' sa mit-30 ta' Jannar 1854. Sussegwentment saru xi emendi zghar ghar-rigward tal-piena u recentement meta bl-Att III tal-2002 gie mizjud is-subinciz tlieta in konnessjoni max-xhieda permezz tal-procedura ta'l-affidavit li issa saret parti mil-ligi procedurali taghna. Illi l-Giuseppi Falzon fin-noti tieghu 'Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze" (1872) fisser ir-ratio ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi. Jispjega: "Siccome l'oggetto o la materia del delitto sono la verita in quanto il testimonio la conosce, ed il diritto che ha la giustizia di saperla da lui, l'intenzione criminosa, esiste appunto perche' contravviene scientemente a quest'obbligazione che ha di dire il vero."....*
>
> *Illi minn dana l-bran jemergi ghalhekk dak illi l-legislatur ried jittutela meta it-testimonjanza falza giet inkorporata mar-reati kriminali. Fil-fatt dana ir-reat jinsab taht it-Titolu tad-Delitti Kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u dana precizament peress illi l-ispergur jista' iwassal biss ghal miscarriage of justice, dana peress illi l-gudikant ser jasal ghal gudizzju tieghu abbazi ta' fatti inveritjieri u foloz.*
>
> *Illi madanakollu il-falsita oggett tar-reat, trid tkun tirreferi ghal fatt materjali u determinati ghal ezitu tal-kawza. Il-Mamo ighid: "In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is*

[6] Deciza 26.05.2016.

*necessary that the falsity be material to the cause. ... the law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist." Ikompli jikkwota dak li ighid il-Maino : "Perche' sussista la falsa testimonianza ... e' necessario che le circostanze falsamente asserite o maliciosamente taciute siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisione di questa."*

*Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew l'hekk imsejha mens rea tax-xhud li jigdeb taht gurament. Ikompli l-Mamo: "The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime. ... Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted." Illi allura dak li ghandu ikun determinanti f'gudizzju dwar ir-reat ta'l-ispergur huwa b'mod ewlieni jekk dak mistqarr mix-xhud huwiex fatt determinanti u materjali ghall-ezitu tal-kawza u jekk tirrizultax l-intenzjoni kriminuza.*

Illi ghalhekk in succint, u kif elenkati mill-Mamo, l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat kontemplat f'l-artikolu 106 huma s-segwenti:

- *a testimony given in a cause;*
- *on oath lawfully administered by the competent authority;*
- *falsity of such testimony in a material particular;*
- *willfulness of such falsity or criminal intent.*

Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' gurament falz (*extra judicial perjury*) kontemplat f'l-artikolu 108 l-istess Mamo jelenka dawn l-erbgha elementi:

- *a false statement;*
- *wilfully made*

- *on oath*
- *before a person authorised by law to administer oaths.*

Illi dwar l-element intenzjonali l-Professur Mamo jjkompli hekk:

> *With regard to the second element which constitues the intentional element of the crime it is necessary that the person making the statement should have the full consciousness of perverting the truth.*

Illi ghal kull buon fini u dwar x'inhu il-"falz" il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirreferi ghal dak li qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili[7]:

> *Bilkemm ghandu ghalfejn jinghad li b'"falz" wiehed irid hawn jifhem "xi haga li ma taqbilx mas-sewwa" u mhux semplicement "xi haga li l-parti ma taqbilx maghha" jew li haddiehor jaraha b'mod iehor. Fi kliem iehor, biex jista' jintwera li nghad il-falz taht gurament irid jintwera li xi fatt imieri dak li nghad. Tali fatt irid jirrizulta mill-atti u mhux jissemma biss bhala argument. Li kieku kien hekk, u l-fehma li ma taqbilx kienet tista' titqies bhala "falz", kieku jista' tassew jinghad li ma tezistix kawza mqar wahda fejn ma jinghadx il-falz!*

Illi stabbilit x'inhuma l-elementi li jridu jigu pruvati biex l-imputati jinstabu hatja tar-reati lilhom addebietati l-Qorti issa trid tghaddi biex tevalwa l-provi prodotti fid-dawl tal-gurisprudenza u dottrina fuq kwotata.

Illi f'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li minkejja r-regola generali li x-xhiedha ta' xhud wiehed, jekk emmnut, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta[8], hemm eccezzjonijiet ghal din ir-regola. Fil-fatt l-artikolu 639 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *ħadd ma jista' jiġi misjub ħati ta' kalunnja,* ***sperġur, jew ġurament falz***[9]*, fuq ix-xiehda weħedha ta' xhud wieħed biss li jmeri l-fatt li jkun xehed qabel taħt ġurament l-imputat jew l-akkużat; iżda dan l-imputat jew akkużat jista' jiġi misjub ħati fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss, meta din ix-xiehda tkun korroborata f'xi ċirkostanza li tkun tiswa biex tistabbilixxi d-delitt allegat,*

[7] Ref ***Improved Design Limited vs Antoine Grima***, deciza 04.03.2004 kwotata ukoll fil-kawza Pulizija vs Carmela Cutajar deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) 28.09.2106.
[8] Ref artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
[9] Sottolinear tal-Qorti.

*minn provi oħra miġjubin skont il-liġi*. Dan il-principju jsib riaffermazzjoni f'diversi sentenzi tal-Qrati taghna[10] .

Ikkunsidrat

Illi provi in sostenn ta'l-imputazzjonijiet ftit li xejn gew prodotti.

Illi xehed l-ufficjal prosekutur biex jispjega kif bdiet l-investigazzjoni f'dan il-kaz u x'informazzjoni nghatatlu mill-kwerelant, u biex esebixxa l-istqarrijiet ta'l-imputati kif ukoll zewg *files* mghoddija lilu mill-kwerelant[11]. F'dawn il-*files* hemm kopja tat-traskrizzjoni ta' xi xhieda mghotija quddiem it-Tribunal Industrijali u kopja ta' xi dokumenti prezentati quddiem it-Tribunal Industrijali, cioe kopja ta' parti mill-atti tal-kawza li kien hemm pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali.

Illi xehedet ukoll rapprezentant tat-Tribunal Industrijali biex esebiet il-process originali tal-kawza relattiva. Konformament mad-degriet taghha tal-11 ta' April 2016 minn dan il-process (Dok TT1) il-Qorti tista tiehu konjizzjoni biss tad-depozizzjonijiet u l-affidavit ta'l-imputati bhala prova ta' x'qalu u d-depozizzjonijiet ta' Carmelo Borg ai fini ta' kontroll.

Illi xehed l-kwerelant Carmelo Borg. Fid-depozizzjoni tieghu jghid biss li huwa kien jokkupa kariga ta' *gaming manager* mas-socjeta Dragonara Gaming Limited u li gie imkecci mix-xoghol ingustament ghalhekk ghamel kawza quddiem it-Tribunal Industrijali liema kawza huwa rebah u anke inghata kumpens. Huwa spjega ukoll li hass ruhu aggravat b'dak li qalu l-imputati waqt id-depoizzjoni taghhom ghaliex ikkontradixxew lilhom infushom diversi drabi, ma qalux il-verita f'hafna istanzi, u kien hemm xhieda ohra u dokumenti li jikkontradicu dak li qalu l-imputati. Huwa ma spjegax viva voce quddiem din il-Qorti f'liema aspetti d-depozizzjoni ta'l-imputati u l-affidavit ta' Rose Borg kienu inveritjieri u lanqas ma spjega f'liema aspetti tad-depozizzjoni taghhom huma gew kontradetti. Hu strah interament fuq il-kontenut tan-notamenti tieghu annessi mal-kwerela mibghuta lill-pulizija.

Illi gew prezentati l-istqarrijiet ta' l-imputati. F'l-istqarrija taghha Rose Borg baqghet tinsiti li dak li hija qalet taht gurament fil-proceduri pendenti

---

[10] Ref Pulizija vs Wigi Attard Appell Kriminali deciza 24.04.1951; Pulizija vs Antonio Zammit deciza 24.03.1957.

[11] Dawn huma il-file blu u l-file roza esebeiti bhala Dok FF10 u FF11 rispettivament.

quddiem it-Tribunal Industrijali kienet il-verita. U meta l-ufficjal prosekutur issuggerielha li kien hemm xhiedha u dokumenti li jikkontradicu dak li qalet hija, fil-waqt li spjegat li ma tiftakarx fid-dettal dak li kienet qalet, baqghet tinsisti li dak li qalet kien il-verita. L-imputat Pierre Zammit insista ukoll, f'l-istqarrija tieghu, li huwa qal il-verita u fuq l-istess suggeriment li kien hemm xhiedha u dokumenti li kkontradixxewh Zammit insista li jekk kien hemm xi inkonsistenzi dawn kienu rizultat ta' zball genwien.

Illi tressaq bhala xhud in difeza Johann Schembri li huwa *managing director* tas-socjeta Dragonara Gaming Limited. Dan ix-xhud gie mitlub jispjega x'wassal ghat-tkeccija ta' Carmel Borg. In kontro-ezami huwa gie mitlub jghid jekk wara l-incident li sehh bejn Borg u klient tal-casino[12] dan il-klient regax mar il-casino u jekk iva kemm il-darba. Schembri insista li l-punt krucjali kien li dak il-klient kien wiehed mill-ahjar klienti li kellu l-casino u, minkejja l-fatt li wara dak l-incident hu seta' rega mar xi drabi, kienu tilfuh bhala klient.

Illi dawn, fil-qosor huma l-provi li tressqu quddiem din il-Qorti; huma dawn il-provi li l-Qorti trid tevalwa biex tara jekk jirrizultawx l-elementi kollha rikjesti biex jissussisti r-reati in ezami.

Ikkunsidrat

Illi dwar x'qalu l-imputati fid-depozizjzonijiet u l-affidavit il-Qorti hija sodisfatta li ghandha l-ahjar prova ghaliex in atti hemm t-traskrizzjoni originali tad-depozizzjonijiet relattivi u hemm ukoll l-affidavit originali. Jirrizulta ampjament ukoll li d-depozizzjonijiet inghataw f' kawza civili (proceduri pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali), taht gurament somministrat minn awtorita kompetenti. Jirrizulta ukoll li l-affidavit Rose Borg ghamlitu volontarjament, gie ikkonfermat b'gurament somministrat minn persuna awtorizzata, u ntuza f'proceduri civili (l-istess kawza imsemmija).

Illi ghalhekk imiss issa li l-Qorti tghaddi biex tara  jekk giex pruvat l-element tal-falsita.  Dan l-ezercizzju l-Qorti trid taghmlu a bazi tal-provi regolarment prodotti fil-proceduri odjerni, cioe xhieda mghotija viva voce quddiemha, u dokumenti prezentati u konfermati skond il-Ligi quddiemha. Il-Qorti ma tistax sempliciment terga taghmel apprezzament tal-provi

[12] L-incident li finalment wassal ghat-tkeccija ta' Borg.

prodotti quddiem it-Tribunal Industrijali biex tiddeciedi jekk dak li qalu l-imputati kienx falz jew le; din id-decizzjoni trid tittiehed a bazi ta' dak li jghidu x-xhieda prodotti quddiemha u a bazi tad-dokumenti konfermati quddiemha.

Illi fil-kwerela (ossia n-notamenti tieghu annessi maghha), il-kwerelant indika fejn f'l-opinjoni tieghu l-imputati qalu l-falz. Huwa jsemmi hdax il-punt fir-rigward ta'l-imputat Zammit u hdax il-punt ukoll fir-rigward ta'l-imputata Borg. Huwa indika, f'l-opinjoni tieghu, liema dokumenti jissostanzjaw dak li qed jallegal indika ukoll minn, mix-xhieda l-ohra prodotti quddiem it-Tribunal Industrijali, qal xi haga li tikkontradici dak li qalu l-imputati. Fid-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti pero, l-imputat sempliciment strah fuq dak li kiteb fin-notamenti tieghu. Aghar minn hekk id-dokumenti minnu indikati fil-kwerela ma gewx konfermati b'gurament quddiem din il-Qorti, u l-persuni minnu indikati fil-kwerela ma gewx prodotti bhala xhiedha quddiem din il-Qorti hlif ghal Johann Schembri[13]. Fil-verita f'dawn ic-cirkostanzi anke kieku l-kwerelant xehed aktar fit-tul, ix-xiedha tieghu wahedha ma kenitx tkun sufficjenti ghaliex ma kienx ikollha l-korroborazzjoni rikjesta f'l-artikolu 639 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-unika prova li minnha possibilment tista' tirrizulta xi korroborazzjoni hija d-depozizzjoni ta' Johann Schembri. Fil-kwerela tieghu Carmel Borg isemmi lil Schembri (a folio 27 tal-process odjern) bhala prova in sostenn ta' l-allegazzjonijiet fil-konfront ta' l-imputat Pierre Zammit b'referenza ghal xhieda ta'l-istess Zammit dwar xi problemi b'l-audio. Isemmih ukoll (a tergo ta' folio 31 tal-process odjern) bhala prova in sostenn ta' l-allegazzjonijiet fil-konfront ta' l-imputata Rose Borg u b'referenza ghal xhieda ta'l-istess Borg dwar jekk xi hadd isostitwixxa lil Carmel Borg wara it-tkeccija tieghu.

Illi pero Johann Schembri ma ghamel l-ebda referenza ghal dawn il-fatti fid-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti. Huwa, kif diga ntqal, irrefera biss ghal x'finalment wassal ghat-tkeccija ta' Borg u jekk l-klient minnu imsemmi regax mar il-casino wara l-incident li nqala. Dwar dan il-fatt tkellem ukoll l-imputat Zammit f'l-istqarrija tieghu.

Illi fil-fatt lil Zammit, meta kien qed jirrilaxxja l-istqarrija tieghu, saritlu referenza ghal dak li qal fuq il-kariga li kienu jokkupaw xi persuni inkarigati

[13] Dan ma tressaq bhala xhud mill-prosekuzzjoni imma bhala xhud in difeza.

ma’ Dragonara Gaming Limited u ghal kemm il-darba l-klient fuq imsemmi mar il-casino.

Illi konfrontat bil-fatt li fid-depozizzjoni tieghu huwa kien qal li l-kwerelant, Shane Mercieca u Elizabeth Rutland kienu jokkupa il-kariga ta’ assistant manager meta fil-fatt kienu jokkupa il-kariga ta’ manager huwa spjega li fis-sustanza ma kienx hemm xi differenza notevoli fix-xoghol taz-zewg karigi u li ghalih l-importanti (dejjem fil-kuntest ta’ dak li kien qed jixhed dwaru quddiem it-Tribunal) kien ix-xoghol li kienu jaghmlu dawn l-ufficjali aktar min-nomenklatura tal-kariga taghhom. Zammit kien konfrontat ukoll bil-fatt li fid-depozizzjoni tieghu huwa qal li l-klient li mieghu kellu incident il-kwerelant ghamel xahar ma jmurx il-casino meta fil-fatt kien hemm xi okkazzjonijiet meta mar. Ghal dan Zammit qal li jekk hemm dokumenti li juru li l-klient kien mar allura d-dokumenti huma korretti.

Illi ghal kull buon fini ghandu jigi rilevat li meta Zammit kien qed jirrilaxxja l-istqarrija huwa ma nghatax kopja tad-depozizzjoni tieghu, u saritlu referenza ghal parti selettiva hafna ta dak li qal, sia fuq l-kariga li kien jokkupa l-kwerelant u sia fuq kemm il-darba mar il-casino dak il-klient. Jirrizulta li quddiem it-Tribunal Industrijali Zammit qal hafna aktar minn dak li ssuggerielu l-ufficjal investigattiv dwar dawk iz-zewg punti. Fil-fatt fil-waqt li meta xehed quddiem it-Tribunal Industrijali Zammit inizjalment ghamel dawk l-asserzjonijiet li saritlu referenza ghalihom huwa sussegwentment u quddiem l-istess Tribunal dahal aktar f’dettal u ccara il-fatti u (ghalkemm forsi fi kliem fi ftit differenti) ta l-istess spjegazzjoni lill-ufficjal investigattiv li kien diga ta quddiem it-Tribunal Industrijali.

Illi din l-istess spegazzjoni ta Johann Schembri quddiem din il-Qorti. Huwa qal li ghalkemm dak il-klient seta’ gie xi ftit darbi l-casino wara l-incident imsemmi effettivament kienu tilfuh bhala klient u dak kien l-importanti. Qal ukoll li l-informazzjoni preciza dwar kemm il-darba dak il-klient mar il-casino inghatat lit-Tribunal Industrijali permezz tal-players profile.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tarax li gie pruvat li dak li qalu l-imputati quddiem it-Tribunal kien falz.

Illi fin-nuqqqas ta’ prova sufficjenti fil-Ligi ta’l-element tal-falsita ikun ezercizju inutli l-Qorti tara jekk jezistux l-elementi l-ohra rikjesti u cioe jekk dak li allegatament huwa falz kien *determinanti u materjali ghall-ezitu tal-kawza* u jekk l-imputati kellhomx l-mens rea.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputati hatja tar-reati lilhom addebietati u tillibarahom minnhom.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**